30 ta' Mejju, 1949.

Imħallef :

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

Carmelo Micallef, A. & C.E., ne. *versus* Frank Camilleri

**Triq — Manutenzjoni — Asfalt — "Sid" — Kompetenza — Art. 13 tal-Liġijiet tal-Pulizija.**

*Il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati hija l-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' domanda tad-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi biex jiġi awtorizzat li jagħmel huwa bi spejjeż tas-sidien dawk ix-xogħlijiet li jkunu meħtieġa biex it-triq tinżamm skond il-liġi, meta t-triq mhix tal-Gvern; u dan avvolja l-valur ta' dawk ix-xogħlijiet jeċċedi l-kompetenza ordinarja ta' dik il-Qorti.*

*Il-proprjetarji ta' beni li jmissu immedjatament mat-triq huma kunsidrati mill-liġi, bi preżunzjoni "juris et de jure", li huma dawk il-persuni li fetħu t-triq, u fuqhom il-liġi timponi l-obligi relattivi għall-manutenzjoni tat-triq, salv ir-regress tagħhom kontra persuni oħrajn b'azzjoni ċivili; l-eżerċizzju ta' liema azzjoni però ma jistax josstakola l-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet impost mill-liġi għall-manutenzjoni tat-triq.*

Il-Qorti — Rat ir-rikors preżentat fis-16 ta' Marzu 1949 minn Carmelo Micallef, A. & C.E., bħala Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi quddiem il-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, fejn ippremetta li Frank Camilleri huwa proprjetarju, flimkien ma' oħrajn, ta' Gafà Street, Mosta, jiġifieri tal-post nru. 51 ta' l-istess triq, u li dana, non ostante li ġie msejjaħ biex juniforma ruħu mal-liġi, naqas li jagħmel id-depożitu biex l-istess triq tiġi asfaltata skond l-art. 13 (10) tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, u talab li jkun awtorizzat jagħmel huwa x-xogħlijiet meħtieġa a spejjeż ta' l-imsemmi Camilleri skond l-art. 13 (11) tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija;

*Omissis;*

Rat il-verbal tat-12 ta' April 1949, fejn l-intimat Frank Camilleri eċċepixxa preliminarment l-inkompetenza ta' dik il-Qorti peress illi t-talba nvoluta tissupera l-kompetenza ta' dik il-Qorti, u fil-meritu illi huwa mhux il-proprjetarju ta' dik

it-triq u għall-każ in kwistjoni huwa applikabili l-art. 13 (10) (i) (ii) (iii) u (iv) tal-Liġijiet tal-Pulizija;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti fuq imsemmija fis-26 ta' April 1949, fejn ċaħdet l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza ta' dik il-Qorti u laqgħet it-talba kontenuta fir-rikors bl-ispejjeż kontra l-intimat Frank Camilleri; wara li kkunsidrat;

Fuq l-eċċezzjoni ta' l-inkomeptenza ta' dik il-Qorti mogħtija mill-intimat Camilleri, illi skond l-art. 46 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (Kap. 15) il-kompetenza ta' dik il-Qorti hija *limitata għall-pretensjonijiet sa £10, u skond is-subartikolu* 2 ta' l-istess artikolu dik il-Qorti tiddeċidi wkoll il-kawżi l-oħra li l-liġi espressament tħalli għaliha;

Illi dina l-proċedura li mexa biha r-rikorrent Micallef nomine hija dik kontemplata fl-art. 13 (11) tal-Liġijiet tal-Pulizija, li hija ntiża biex tevita dewmien u tfixkil lid-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi; u dik il-Qorti hija kompetenti biex tieħu konjizzjoni tad-domandi bħal din kontenuta fil-preżenti rikors indipendentement mill-valur tax-xogħlijiet;

Illi infatti fiċ-ċitata dispożizzjoni tal-liġi hemm dispost illi f'każ bħal dak in kwistjoni d-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi jista' jirrikorri lill-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja, u ma ddisponietx li għandu jirrikorri quddiem il-Qorti Ċivili kompetenti; u l-leġislatur, fejn ried, żamm il-kriterju ordinarju tal-kompetenza ta' dik il-Qorti. Hekk, per eżempju, fl-art. 20 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1918 (Kap 68), fejn iddispona illi l-azzjoni f'dak l-artikolu kontemplata għandha tiġi proposta quddiem il-Qorti Ċivili kompetenti;

Illi għalhekk din l-eċċezzjoni ma hix sostenibili;

Illi fil-meritu l-intimat ma jinnegax illi huwa proprjetarju tal-post imsemmi fir-rikors; biss igħid illi t-triq ma hix tiegħu; għalhekk it-talba fil-meritu hija ġustifikata, skond ma ġie deċiż minn dik il-Qorti fl-4 ta' Jannar 1949 fuq ir-rikors fl-ismijiet "*Carmelo Micallef, A. & C.E. vs. Vincenzo Sciberras*", deċiżjoni konfermata mill-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tiegħu r-Re fit-2 ta' Frar 1949;

Rat in-nota ta' l-appell ta' Frank Camilleri u ċ-ċitazzjoni tiegħu fejn talab illi s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi tiġi riġettata t-talba ta' l-appellat nomine, bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi *ż-żewġ* aggravji li ġieb 'il quddiem l-appellant huma: (1) Fuq l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza minnu mogħtija u mill-Ewwel Qorti respinta; (2) u fuq il-meritu;

Fuq l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza, huwa dispost mill-art. 13 (11) (i) *tal-Liġijiet* tal-Pulizija (Kap. 13) illi jekk is-sid ta' triq jonqos milli jwitti, jiksi jew iżomm it-triq fi stat tajjeb ta' tiswija, inkella jonqos jagħmel id-depożitu msemmi fis-subartikolu (10) ta' dan l-artikolu, id-Direttur *tax-Xogħlijiet* Pubbliċi jista' jitlob lill-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja biex tagħtih is-setgħa li jagħmel ix-xogħlijiet meħtieġa akkont tas-sid........... Kif tajjeb irriteniet l-Ewwel Qorti, il-liġi *f'din id-dispożizzjoni* speċifikatament indikat fejn għandu jirrikorri d-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi, ċjoè indikat speċifikatament quddiem liema Qorti għandu jagħmel ir-rikors tiegħu, indipendentement mill-valur; *infatti d-dispożizzjoni* hija ġenerali u għandha għalhekk tikkomprendi kull każ; għaliex kieku l-leġislatur ried diversament, ċjoè ried il-kriterju normali tal-kompetenza tal-Qrati skond il-valur, kien juża diz*zjoni diversa kif għamel f'liġijiet oħra; kien jgħid "il-Qorti* Ċivili kompetenti", jew espressjoni simili. Imbagħad hemm anki raġuni oħra fondamentali għal dik id-dispożizzjoni, illi ċjoè *f'*każi simili l-kwistjoni ma tkunx raġġirata fuq in-natura tax-xogħol meħtieġ u l-ispiża li tkun neċessarja, iżda illi jiġi konstatat illi dik il-persuna ċitata hija verament responsabili skond il-liġi li tagħmel dak id-depożitu biex isiru dawk ix-*xogħlijiet;*

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti tirrespinġi l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza ta' l-Ewwel Qorti, u għalhekk tikkonferma l-ewwel sentenza fuq dak il-kap; bl-ispejjeż relattivi kontra l-appellant;

Tikkunsidra;

Illi fil-meritu dina l-Qorti diġà kellha okkażjoni illi teżamina *l-kwistjoni nvoluta f'dana l-appell in re "Micallef nomine* vs. Sċiberras" deċiża minn din il-Qorti fit-2 ta' Frar 1949; fejn is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti f'dik il-kawża ġiet anki konfermata. Ir-raġunijiet miġjuba f'dawk is-sentenzi fuq din

il-kwistjoni huma anki adottati; u jiġi anki aġġunt illi l-intenzjoni tal-leġislatur tidher ċara meta tkun eżaminata l-liġi kif kienet qabel l-emendi li kienu saru f'din il-parti tal-liġi bl-Ordinanza I ta' l-1920, XII ta' l-1921 u VI ta' l-1937. Infatti allura l-liġi kienet fis-sens illi "i proprietari di beni che fossero immediatamente adiacenti ad una strada saranno pei fini delle precedenti disposizioni considerati come le persone che hanno aperto la strada, a meno che non si provi il contrario". Meta tiġi paragunata din id-dispożizzjoni ma' dik li l-lum teżisti fil-liġi nsibu dawn d-differenzi sostanzjali li juru biċ-ċar x'inhu l-ħsieb tal-leġislatur :— (1) Il-kliem "pei fini delle precedenti disposizioni" ġew kanċellati, u l-lum hemm il-kliem "for the purpose of this action", ċioè ta' dan l-artikolu, li allura dik id-dispożizzjoni qiegħda tolqot mhux biss id-dispożizzjonijiet ta' qabel, imma d-dispożizzjonijiet kollha kompriżi f'dak l-artikolu antecedenti jew susseġwenti għal dik id-dispożizzjoni; u allura d-dispożizzjoni li qiegħda fl-istess artikolu immedjatament susseġwenti, subartikolu (10) (i) ta' l-istess liġi, hija neċessarjament milquta meta tuża l-kelma "sid"; (2) il-kliem "a meno che non si provi il contrario", dak li preċiżament irid jagħmel l-appellant, ġew kanċellati, u għalhekk dik id-dispożizzjoni l-lum, anki in vista ta' din ir-raġuni storika tal-liġi u ta' l-emenda, hi dispożizzjoni "iuris et de iure"; (3) wara dik id-dispożizzjoni ġiet miżjuda d-dispożizzjoni ta' regress in vija ċivili kontra t-terzi, evidentement kontra s-sid, u jingħad illi ebda azzjoni ċivili ma tista' ddewwem l-eżekuzzjonijiet mill-persuna obligata li tagħmilhom; dan ywoldiri illi dak ir-regress għandu iservi biss biex min jagħmel l-ispiża jkun jista' jieħu dik l-ispiża minn għand il-proprietarji u mhux għall-fini li jeħles mir-responsabilità tax-xogħol; (4) illi, kif ingħad fis-sentenza fuq ċitata, mogħtija minn din il-Qorti fit-2 ta' Frar 1949, kieku kienet vera l-pretensjoni ta' l-appellant, id-dispożizzjoni ta' l-inskrizzjoni tal-privileġġ fuq il-proprietà ta' l-immobili li jkun imiss direttament mat-triq tkun dispożizzjoni ozjuża u addirittura inkapibili, mentri dik ġiet preċiżament magħmula favur il-Gvern, biex tikkawtela lill-Gvern kontra s-sid ta' l-immobili li direttament imiss mat-triq meta

huwa in forza tad-dispożizzjonijiet fuq enumerati jkun għamel ix-xogħlijiet;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti;

Tirrespinġi l-appell tal-konvenut u għalhekk tikkonferma s-sentenza li minnha hemm appell, bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant. Frank Camilleri.